KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.11.2005
KUMM(2005) 558 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**Dwar il-Prinċipji, il-Prijoritajiet, u l-Kundizzjonijiet fis-Sħubija Ewropea mas-Serbja u l-Montegro inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999**

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

{SEC(2005)1423}
{SEC(2005)1428}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

F'Tessaloniki, il-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 tenna d-determinazzjoni tiegħu li jappoġġa bis-sħiħ u b'mod effettiv il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent. Huwa approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar il-pajjiżi Balkani tal-Punent inkluż l-anness "L-Aġenda ta' Tessaloniki għall-Balkani tal-Punent: nimxu lejn l-integrazzjoni Ewropea", li introduċa s-Sħubiji Ewropej bħala mezz biex il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent tkun tista' tiġi fis-seħħ.

Fil-bidu ta' l-2004, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel Sħubija tagħha mas-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999. L-abbozz ġie adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004 Il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li taġġorna l-ewwel Sħubija tagħha fuq il-bażi tar-riżultati fir-Rapport ta' Progress 2005 dwar is-Serbja u l-Montenegro.

Din is-Sħubija Ewropea mġedda hija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 tat-22 ta' Marzu 2004. Hija telenka l-prijoritajiet fuq medda qasira u medja ta' żmien għal preparamenti tal-pajjiż għal aktar integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea. Sabiex jirreaġixxu għas-Sħubija Ewropea, huwa mistenni li l-awtoritajiet kompetenti fis-Serbja u l-Montenegro jiżviluppaw pjan bi skeda u miżuri speċifikati li s-Serbja u l-Montenegro bi ħsiebhom jieħdu min-naħa tagħhom. Peress li l-Kosovo bħalissa jinsab taħt amministrazzjoni proviżjorja internazzjonali skond ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244, irid ikun żviluppat pjan separat li jindirizza l-prijoritajiet għal Kosovo taħt l-awtorità ta' l-Amministrazzjoni Proviżorja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo. Il-progress fit-twettiq tal-prijoritajiet se jkun sorveljat regolarment mill-Kummissjoni, permezz tar-Rapporti ta' Progress u permezz ta' l-istrutturi li twaqqfu taħt il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Il-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea għandhom jiffurmaw il-bażi għall-ipprogrammar ta' l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità, li se tkompli tkun provduta taħt l-istrumenti finanzjarji rilevanti, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 (CARDS).

Id-Deċiżjoni proposta mill-Kunsill m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill jadotta l-abbozz tad-deċiżjoni li hemm mehmuż.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**Dwar il-Prinċipji, il-Prijoritajiet, u l-Kundizzjonijiet fis-Sħubija Ewropea mas-Serbja u l-Montegro inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 dwar it-twaqqif ta' Sħubiji Ewropej fil-qafas tal-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu[1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew ħaddan l-introduzzjoni tas-Sħubiji Ewropej bħala mezz biex titwettaq il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent fi ħdan il-qafas tal-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 fl-Artikolu 2 tiegħu jistabilixxi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi, b'maġġoranza kkwalifikata u wara proposta mill-Kummissjoni, fuq il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijet li għandhom jiddaħħlu fis-Sħubiji Ewropej, kif ukoll xi aġġustamenti sussegwenti.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 jistabbilixxi wkoll li s-segwitu ta' l-implementazzjoni tas-Sħubiji Ewropej se jkun żgurat permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti taħt il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni, u r-Rapporti ta' Progress tal-Kummissjoni.

(4) Huwa adegwat li l-ewwel Sħubija Ewropea tkun aġġornata sabiex ikunu identifikati l-prijoritajiet imġedda għal aktar xogħol fuq il-bażi tar-riżultati tar-Rapporti ta' Progress 2005 dwar il-preparamenti tas-Serbja u l-Montenegro u tal-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999 (imsemmija l-Kosovo (UNSCR 1244)) għal aktar integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea.

(5) Sabiex iħejju għall-integrazzjoni akbar ma' l-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet kompetenti fis-Serbja u l-Montenegro għandhom jiżviluppaw pjan bi skeda u bil-miżuri speċifiċi li jindirizzaw il-prijoritajiet ta' din is-Sħubija Ewropea. Peress li l-Kosovo bħalissa jinsab taħt amministrazzjoni proviżjorja internazzjonali skond il-UNSCR 1244, għandu jkun żviluppat pjan separat li jindirizza l-prijoritajiet għall-

[1] ĠU L 86, ta l-24.03.2004, p.1.

Kosovo taħt l-awtorità ta' l-Amministrazzjoni Proviżorja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Skond l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004, il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijet tas-Sħubija Ewropea mas-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo (UNSCR 1244) huma stabbiliti fl-anness ta' dan l-abbozz, li jagħmel parti integrali minn din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għandha tiġi eżaminata permezz tal-qafas tal-mekkamiżmi stabbiliti taħt il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni u permezz tar-Rapporti ta' Progress tal-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS

## IS-SERBIA U L-MONTENEGRO, INKLUŻ IL-KOSOVO: SĦUBIJA EWROPEA TA' L-2005

### 1. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Ewropew aċċetta l-introduzzjoni tas-Sħubiji Ewropej bħala mezz biex titwettaq il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent fi ħdan il-qafas tal-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni. L-ewwel Sħubija mas-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo (UNSCR 1244) kienet adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004. Huwa adegwat li l-ewwel sħubija tkun aġġornata fuq il-bażi tar-riżultati tar-Rapporti ta' Progress 2005 dwar is-Serbja u l-Montenegro u l-Kosovo (UNSCR 1244). It-tieni Sħubija Ewropea tidentifika prijoritajiet ġodda ta' azzjoni. Il-prijoritajiet il-ġodda huma adattati skond il-ħtiġijiet speċifiċi u skond l-istadju tal-preparazzjoni u se jkunu aġġornati kif meħtieġ. Is-Sħubija Ewropea toffri wkoll gwida għall-assistenza finanzjara lis-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo (UNSCR 1244).

Huwa mistenni li l-awtoritajiet kompetenti fis-Serbja u l-Montenegro jiżviluppaw pjan bi skeda u miżuri speċifiċi sabiex jindirizzaw il-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea. Peress li l-Kosovo bħalissa jinsab taħt amministrazzjoni proviżjorja internazzjonali skond il-UNSCR 1244, għandu jkun żviluppat pjan separat li jindirizza l-prijoritajiet għall-Kosovo taħt l-awtorità ta' l-Amministrazzjoni Proviżorja tan-Nazzjonijiet Uniti f'Kosovo.

### 2. IL-PRINĊIPJI

Il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni jibqa' l-qafas għall-ġirja Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent, matul it-triq kollha għas-sħubija futura tagħhom.

Il-prijioritajiet identifikati huma marbuta mal-kapaċità li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Ewropej ta' Kopenħagen fl-1993 u l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni, speċjalment il-kundizzjonijiet espressi mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tad-29 ta' April 1997 u l-21 u t-22 ta' Ġunju 1999, il-kontenut tad-dikjarazzjoni finali tas-Samit ta' Żagreb ta' l-24 ta' Novembru 2000 u l-aġenda ta' Tessaloniki.

### 3. IL-PRIJORITAJIET

Il-prijoritajiet identifikati f'din is-Sħubija Ewropea ntgħażlu fuq il-bażi li huwa realistiku li wieħed jistenna li s-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo (UNSCR 1244) jistgħu jwettquhom jew javvanzawhom sostanzjalment tul is-snin li ġejjin. Hemm distinzjoni bejn il-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien, li huma mistennija li jintlaħqu fi żmien sena jew sentejn, u l-prijoritajiet fuq medda medja ta' żmien, li huma mistennija li jintlaħqu fi żmien tlieta jew erba' snin. Il-prijoritajiet jikkonċernaw kemm il-leġiżlazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni.

Din is-sħubija, ma tinkludix il-ħidmiet importanti kollha jekk tikkunsidra l-ispejjeż sostanzjali involuti fit-twettiq tal-ħtiġijiet kollha ta' l-UE kif ukoll il-kumplessità ta' dawn il-ħtiġijiet f'ċerti żoni, f'dan l-istadju. Is-sħubiji futuri se jkunu jinkludu aktar prijoritajiet skond il-progress li jkun għamel il-pajjiż.

Minn fost il-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien, kienu identifikati l-prijoritajiet prinċipali u dawn inġabru flimkien fil-bidu tal-listi ta' prijoritajiet. L-ordni ta' dawn il-prijoritajiet prinċipali ma tfissirx li hemm xi klassifika fl-importanza tagħhom.

Il-prijoritajiet li jikkonċernaw lis-Serbja u l-Montenegro, u l-prijoritajiet li jikkonċernaw speċifikament lill-Kosovo huma ppreżentati fil-listi mehmuża.

### 4. L-IPPROGRAMMAR

L-assistenza Komunitarja skond il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni għall-pajjiżi Balkani tal-Punent se tingħata skond l-istrumenti finanzjarji eżistenti, speċjalment ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000[2] Għalhekk, din id-Deċiżjoni mhux se jkollha implikazzjonijiet finanzjarji. Is-Serbja u l-Montenegro inkluż il-Kosovo (UNSCR 1244) jistgħu jkollhom aċċess għall-fondi minn programmi orizzontali u programmi li jinvolvu diversi pajjiżi.

**5. IL-KUNDIZZJONALITÀ**

L-assistenza Komunitarja skond il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni lill-pajjiżi Balkani tal-Punent tiddependi fuq aktar progress fit-twettiq tal-kriterji politiċi ta' Kopenħagen kif ukoll fuq il-progress fl-implimentazzjoni ta' prijoritajiet speċifiċi ta' din is-Sħubija Ewropea. F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux rispettati, l-Kunsill jista' jieħu l-miżuri xierqa fuq il-bażi ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000[3]. L-assistenza Komunitarja għandha wkoll tiġi soġġetta għall-kundizzjonijiet definiti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' April 1997, u tal-21-22 ta' Ġunju 1999 speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu l-impenji tar-riċevituri li ntrabtu li jwettqu r-riformi demokratiċi, ekonomiċi u istituzzjonali.

**6. L-IMMONITORJAR**

L-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għandha tiġi eżaminata permezz tal-qafas tal-mekkamiżmi stabbiliti taħt il-Proċess ta' Stabbilizazzjoni u Assoċjazzjoni l-aktar permezz tar-Rapporti annwali ppreżentati mill-Kummissjoni.

## IS-SERBJA U L-MONTENEGRO[4]

### *3.1. Il-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien*

## Il-Prijoritajiet Prinċipali

– Il-Karta Kostituzzjonali tiġi rispettata bis-sħiħ u l-Unjoni ta' l-Istati trid tkun qed titħaddem b'mod effettiv (speċjalment rigward il-kompetenzi tal-Qorti ta' l-Istat, it-tħaddim tal-Parlament ta' l-Unjoni ta' l-Istati u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni fuq l-iffinanzjar sostenibbli ta' l-Unjoni ta' l-Istati); għandha tittieħed strateġija kostruttiva fl-implimentazzjoni tad-distribuzzjoni ta' poteri bejn l-Unjoni ta' l-Istati u r-Repubbliki.

– Isiru aktar sforzi sostenibbli biex jimplimentaw ir-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika, li tinkludi s-sistema ta' ħlas tas-servizz pubbliku, sabiex ikun żgurat li jkun hemm reklutaġġ trasparenti, professjonaliżmu u responsabbiltà; isaħħu b'mod partikulari l-istrutturi Ewropej ta' integrazzjoni fil-livelli kollha (il-ministeri u l-parlamenti konċernati inklużi) u jtejbu l-kooperazzjoni bejniethom.

---

2 ĠU L 306, tas-7.12.2000, p. 1, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru. 2415/2001 (ĠU) L327, tat-12.12.2001, p.3

3 L-Art. 5 tar-regolament tal-Kunsill 2666/2000:
1. Ir-rispett għall-prinċipji tad-demokrazija u għal-liġi tad-Dritt u għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-minoritarjiet u għal-libertajiet fundamentali huwa element essenzjali għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u huwa prekundizzjoni ta' l-eliġibiltà għall-assistenza Komunitarja. Jekk dawn il-prinċipji ma jkunux irrispettati, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jieħu l-miżuri xierqa.
2. L-assistenza Komunitarja għandha wkoll tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet definiti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' April 1997, b'mod partikulari fejn għandhom x'jaqsmu l-impenji tar-riċevituri li ntrabtu li jwettqu r-riformi demokratiċi, ekonomiċi u istituzzjonali.

4 Ma jinkludix il-Kosovo kif definit bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

– Ir-riforma tal-ġudikatura tiġi segwita b'determinazzjoni sabiex ikunu garantiti l-indipendenza, l-professjonaliżmu u l-effiċjenza, trid tiġi riveduta b'mod partikulari s-sistema ta' reklutaġġ u ta' karrieri li għandha tkun ibbażata fuq kriterji tekniċi u professjonali, tevita l-influenza politika, u tassigura ż-żamma permanenti tal-postijiet ġudizzjarji.

– Jiġi żgurat kontroll demokratiku effettiv fuq il-militar billi jissaħħaħ il-kontroll parlamentari u tiġi stabbilita ġestjoni finanzjarja trasparenti.

– Tiġi żgurata kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex-Jugoslavja (l-ICTY).

– Tkun rispettata bis-sħiħ il-UNSCR 1244 u jiġi intensifikat id-djalogu ma' Pristina. Tintwera strateġija kostruttiva fir-rigward tal-Kosovo.

## Il-Ħtiġijiet Politiċi

*ID-DEMOKRAZIJA U L-LIĠI TAD-DRITT*

***Kwistjonijiet kostituzzjonali***

– Il-Kostituzzjonijiet tar-Repubbliki għandhom ikunu riveduti skond l-istandards Ewropej.

***L-Elezzjonijiet***

– Fis-*Serbja*: It-tiġdid tar-riforma fil-liġi elettorali (inkluż ir-reġistru elettorali) jitlesta, skond ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem; il-leġiżlazzjoni dwar l-iffinanzjar ta' partiti politiċi trid tkun implimentata bis-sħiħ.

– Fil-*Montenegro*: Il-politika fl-amministrazzjoni ta' l-elezzjoni titneħħa skond ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem u għandu jitwaqqaf qafas trasparenti għall-iffinanzjar tal-kampanji.

***L-amministrazzjoni pubblika***

– Fis-*Serbja*: Tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni biex jitwaqqaf Uffiċċju ta' l-Ombudsman. Fil-*Montenegro*: Il-kapaċità amministrattiva ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman tissaħħaħ; jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Ombudsman ikunu segwiti b'mod adegwat.

***Is-sistema ġudizzjarja***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tiġi adottata u implimentata leġiżlazzjoni dwar it-taħriġ mandatorju kemm inizjali kif ukoll kontinwu għall-imħallfin, prosekuturi u l-impjegati ta' appoġġ fil-qorti, u jridu jiġu msaħħa ċ-ċentri ta' taħriġ; jibdew jirrazjonalizzaw is-sistema tal-qorti u l-proċeduri, speċjalment fil-qasam tal-liġi kummerċjali, jiġu modernizzati. Għandha tissaħħaħ l-awtonomija tas-sistema ta' prosekuzzjoni, speċjalment fl-uffiċċji tal-prosekuturi għall-kriminalità organizzata. Fis-*Serbja*: Jissaħħaħ l-uffiċċju tal-prosekutur għall-kriminalità tal-gwerra; jitwaqqfu qrati amministrattivi u ta' appell.

***Il-politika kontra l-korruzzjoni***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Jitwettqu bis-sħiħ il-liġijiet dwar il-kunflitt ta' interessi.

– Fis-*Serbja*: Tiġi adottata u implimentata strateġija komprensiva kontra l-korruzzjoni u sussegwentement Pjani ta' Azzjoni dettaljati, l-aktar permezz tat-twaqqif ta' istituzzjoni kompetenti għall-implimentazzjoni.

– Fil-*Montenegro*: Tiġi implimentata l-istrateġija ta’ kontra l-korruzzjoni, l-aktar permezz tat-twaqqif ta’ istituzzjoni kompetenti għall-implimentazzjoni.

*ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-PROTEZZJONI TAL-MINORANZI*

– Jiġu osservati l-obbligi kollha li joħorġu mis-sħubija tal-Kunsill ta’ l-Ewropa. Dawn l-obbligi jitwettqu b’mod uniformi u effettiv, fl-Istat ta' l-Unjoni kollu, l-aktar fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura.

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tittieħed azzjoni komprensiva u trasparenti fil-każijiet allegati kollha ta’ trattament ħażin. Jissaħħu s-servizzi interni ta' kontroll li għandhom x’jaqsmu mat-trattament ħażin minn aġenti ta’ l-infurzar tal-liġi.

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Jitjiebu l-kundizzjonijiet fil-ħabs, speċjalment fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli bħal ma huma minorenni ħatja; jiġi żgurat li jkunu monitorjati b’mod adegwat il-kundizzjonijiet tal-ħabs għall-priġunieri li qegħdin hemm għal medda twila ta' żmien u għall-priġunieri tal-kriminalità organizzata, u jiġi żgurat li jkun hemm aktar taħriġ għall-istaff tal-ħabs u li jitjiebu l-faċilitajiet għall-bżonnijiet speċjali. Fis-*Serbja*: Tiġi implimentata leġiżlazzjoni dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi penali.

– Tiġi adottata leġiżlazzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni.

– Fis-*Serbja*: Tkun infurzata leġiżlazzjoni dwar il-mezzi tax-xandir. Tiġi żgurata l-indipendenza effettiva tal-Kunsill tax-Xandir, kif ukoll l-allokazzjoni ġusta u trasparenti ta’ frekwenzi tax-xandir għall-operaturi tal-mezzi tax-xandir. Tiġi żgurata l-bidla sħiħa u f’waqtha tal-mezzi tax-xandir ta’ l-istat f’xandara tas-servizz pubbliku; titlesta t-trasformazzjoni ta’ *Radio Television of Serbia* f’xandar tas-servizz pubbliku skond l-istandards Ewropej. Titwettaq bis-sħiħ il-liġi għall-aċċess b'xejn għall-informazzjoni. Fil-*Montenegro*: Tiġi adottata liġi li tiżgura aċċess għall-informazzjoni pubblika. Titkompla t-trasformazzjoni ta’ *Radio Television of Montenegro* f’xandar tas-servizz pubbliku.

– Fis-*Serbja*: Jitħeġġeġ l-iżvilupp finanzjarju u b’mod ieħor ta’ organizazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-aktar permezz ta’ l-adozzjoni tal-liġi dwar l-assoċjazzjonijiet, u l-leġiżlazzjoni dwar l-istatus legali ta’ l-NGOs barranin. Fil-*Montenegro*: Tkun adottata strateġija dwar il-kooperazzjoni bejn l-NGOs u l-istituzzjonijiet governattivi.

– Fis-*Serbja*: Tiġi adottata leġiżlazzjoni adegwata dwar ir-restituzzjoni ta’ proprjetà u jiġi żgurat li tkun implimentata bis-sħiħ, l-aktar billi tkun indirizzata l-kwistjoni ta’ proprjetà urbana (ta’ l-istat). Fil-*Montenegro*: Titwettaq bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni dwar ir-restituzzjoni tal-proprjetà.

– Tiġi żgurata kooperazzjoni adegwata bejn l-Unjoni ta’ l-Istat u r-Repubbliki kif ukoll, fejn ikun xieraq, il-livell provinċjali u lokali fir-rigward tal-bażi leġiżlattiva għal, u protezzjoni prattika tad-drittijiet tal-minoranzi. Jiġu implimentati l-Istrateġiji u l-Pjani ta’ Azzjoni rilevanti għall-integrazzjoni tan-nies ta' Roma, inklużi dawk li jirritornaw lejn pajjiżhom. Fis-*Serbja*: Jissaħħaħ it-tħaddim tal-Kunsilli Nazzjonali għall-minoranzi. Jitħeġġu relazzjonijiet tajba bejn il-gruppi etniċi, speċjalment billi jittieħdu miżuri adegwati fil-qasam ta’ l-edukazzjoni. Titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-minoranzi fil-korpi ġudizjarji u ta’ l-infurzar tal-liġi. Fil-*Montenegro*: Tiġi adottata l-liġi dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi.

*IL-KWISTJONIJIET REĠJONALI U L-OBBLIGI INTERNAZZJONALI*

– Jiġi rispettat bis-sħiħ il-Ftehim ta’ Dayton.

– Jissaħħu l-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin tal-viċinat. Jintemm u jiġi implimentat ftehim mal-pajjiżi tal-viċin, l-aktar dwar il-kummerċ ħieles, il-kooperazzjoni transnazzjonali, l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, t-traffikar u l-kuntrabandu, l-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-ġestjoni tal-fruntieri, l-ambjent, it-trasport u l-enerġija.

– Tiġi żgurata kooperazzjoni adegwara bejn l-Unjoni ta' l-Istat u r-Repubbliki fir-rigward tal-bażi leġiżlattiva għal, u protezzjoni prattika tad-drittijiet tar-refuġjati u persuni spostati internament. Jiġu revokati l-proviżjonijiet diskriminatorji kollha, speċjalment fil-Montenegro fil-qasam ta' l-impjiegi, ta' l-aċċess għad-drittijiet tal-proprjetà, tar-rimedju legali u ta' l-aċċess għaċ-ċittadinanza; jiġi garantit aċċess bla xkiel għas-servizzi tas-saħħa u għad-dokumenti personali. Jiġi żgurat id-dritt għall-għażla vera bejn ir-ritorn sostenibbli u l-integrazzjoni.

## Il-Ħtiġijiet Ekonomiċi

Fis-*Serbja*:

– Tkun sostnuta l-iStabbilizazzjoni makro-ekonomika. Jitkomplew l-aġġustament fiskali u l-konsolidazzjoni neċessarji biex jgħinu fit-tnaqqis ta' żbilanċi esterni u jrażżnu l-pressjonijiet ta' l-inflazzjoni. Tinżamm politika monetarja prudenti, garantita minn politika ta' rata ta' kambju adegwata. Tiġi segwita politika ta' paga moderata u jiġu evitati żidiet fil-pagi tas-settur pubbliku 'l fuq mill-kisbiet ta' produttività. Tiġi sorveljata l-espansjoni ta' kreditu rapidu u jkunu aġġustati r-regoli prudenzjali. Jitkompla l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-riforma tas-sistema tal-pensjoni u titkompla r-riforma tas-sistema ta' assigurazzjoni fuq is-saħħa.

– Titkompla l-formalizzazzjoni ta' l-ekonomija oskura u t-twessiegħ tal-bażi ta' taxxa permezz ta' implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ġestjoni għan-Nefqa Pubblika (teżor, kontroll finanzjarju intern pubbliku) u r-riformi komprensivi ta' taxxa, b'inqas eżenzjonijiet u rati aktar baxxi, speċjalment fuq ix-xogħol.

– Jitħaffu r-ristrutturar u l-privatizazzjoni ta' l-intrapriżi kollettivi l-kbar u dawk ta' l-istat biex tissaħħaħ id-dixxiplina finanzjarja u korporattiva. Jitkomplew il-proċeduri ta' falliment kontra kumpaniji kollettivi li huma midjunin ħafna biex ikun hemm tnaqqis fit-telf kważi fiskali. Jitħaffef ir-ristrutturar ta' intrapriżi pubbliċi kbar. Tiġi żgurata l-allokazzjoni ta' riżorsi tal-baġit li tkun suffiċjenti għan-nefqiet fit-tkeċċija ta' l-impjegati u għar-ristrutturar.

– Titlesta r-riforma fis-settur tal-banek, speċjalment il-privatizazzjoni tal-banek ta' l-istat. Jitkomplew ir-ristrutturar u l-privatizazzjoni tas-settur ta' l-assigurazzjoni.

– Tiġi riformata s-sistema tal-prezzijiet regolati u amministrati. Jitkompla, speċjalment, l-aġġustament ta' prezzijiet ta' l-enerġija lejn livelli ta' rkupru ta' l-ispejjeż u gradwalment ukoll jieħu post il-prezzijiet tas-sussidji kollha li jeżistu għall-konsumaturi l-fqar bi trasferimenti diretti.

– Jiġi żviluppat suq ta' art/proprjetà stabbli u li jiffunzjona. Tkun preparata l-leġiżlazzjoni tal-katast.

– Titkompla l-promozzjoni ta' l-impjiegi u l-ġlieda kontra l-qagħad, speċjalment permezz ta' riformi fit-taħriġ vokazzjonali u fis-suq ta' l-impjiegi, li jinvolvi l-partijiet kollha; jitjiebu s-servizzi għall-impjiegi pubbliċi u ikunu allokati biżżejjed ħaddiema u riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-politika.

– Jitkomplew l-aġġustamenti neċessarji fil-kundizzjonijiet kummerċjali Serbi, biex jagħmluha kumpatibbli mal-miżuri ta' kummerċ awtonomu, mar-regoli tad-WTO u tal-futura SAA.

Fil-*Montenegro*:

– Tkun sostnuta l-iStabbilizazzjoni makro-ekonomika. Jinżamm l-aġġustament fiskali u l-konsolidazzjoni li huma neċessarji biex jgħinu fit-tnaqqis ta' żbilanċi esterni.

– Titwettaq is-Sistema ta’ Ġestjoni għan-Nefqa Pubblika.

– Jiġu żgurati mekkaniżmi li jistabilixxu l-prezzijiet fis-suq ta' l-impjiegi. Tkun implimentata l-liġi ta’ l-impjiegi, jitjiebu s-servizzi għall-impjiegi pubbliċi u ikunu allokati biżżejjed ħaddiema u riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-politika.

– Titlesta l-liberalizazzjoni tal-prezzijiet li għad fadal. Jitkompla l-aġġustament ta’ prezzijiet ta’ l-enerġija lejn livelli ta’ rkupru ta’ l-ispejjeż, billi titwettaq s-sistema l-ġdida li tiddetermina t-tariffi ta’ l-elettriku. Gradwalment, is-sussidji kollha tal-prezzijiet li jeżistu bħalissa għall-konsumaturi l-fqar, jiġu sostitwiti bi trasferimenti diretti.

– Jitħaffef ir-ristrutturar ta’ l-intrapriżi ta’ l-istat. Titlesta l-privatizazzjoni ta’ l-intrapriżi kollettivi. Tiġi adottata u implimentata l-liġi dwar s-superviżjoni fuq l-assigurazzjoni.

– Ikun żviluppat suq ta’ art/proprjetà stabbli u li jiffunzjona. Tiġi adottata l-liġi dwar il-pjanifikazzjoni ta’ l-ispazji u l-liġi dwar l-art għall-kostruzzjoni, u tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

– Jitkomplew l-aġġustamenti neċessarji fil-kundizzjonijiet kummerċjali tal-Montenegro, biex jagħmluha kumpatibbli mal-miżuri ta’ kummerċ awtonomu, mar-regoli tad-WTO u tal-futura SAA.

## L-Istandards Ewropej

*IS-SUQ INTERN*

– Jitneħħew l-ostakli eżistenti u jiġu evitati ostakli ġodda għas-suq komuni ta' l-Unjoni ta' l-Istat. Jiġi żgurat li jkun hemm aċċess għas-suq fl-Unjoni ta’ l-Istat għall-operaturi domestiċi u barranin rigward prodotti, servizzi, kapital u persuni. Jiġu żgurati li jkun hemm konsultazzjoni leġiżlattiva u li jitwettaq il-prinċipju ta’ l-għarfien reċiproku mir-Repubbliki dwar l-aċċess għas-suq.

***Iċ-ċaqliq ħieles tal-prodotti***

– Jitkomplew l-isforzi biex jiġu allinjati regoli u regolamenti dwar l-istandardizazzjoni, ċ-ċertifikazzjoni, l-metroloġija, l-akkreditazzjoni u l-evalwazzjoni tal-konformità ma’ l-acquis ta’ l-UE biex jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-kummerċ. Tibda l-adozzjoni ta’ l-istandards Ewropej.

– Jitwaqqfu mekkaniżmi għal konsultazzjoni esterna u ta’ notifika għar-regolamenti tekniċi ġodda qabel ma jiġu adottati miżuri li jkollhom impatt fuq in-negozju.

– Jitwaqqfu l-qafas legali u l-kapaċità amministrattiva għall-ħarsien attiv tal-konsumatur skond il-politika ta’ l-UE dwar il-konsumatur.

***Iċ-ċaqliq ħieles tal-kapital***

– Titwettaq sistema ta’ kontijiet korrispondenti fil-banek kummerċjali sabiex ikun żgurat iċ-ċaqliq ħieles tal-kapital bejn ir-Repubbliki.

***Id-Dwana u t-tassazzjoni***

– Il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tad-dwana jkomplu jersqu aktar viċin ta’ l-acquis ta' l-UE. L-amministrazzjonijiet tad-dwana jkomplu jiġu modernizzati sabiex ikun żgurat livell għoli ta'

kapaċità amministrattiva u biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni, l-kriminalità minn fruntiera għal oħra, u l-evażjoni fiskali. Tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva u tkun żgurata l-osservanza kontinwa ta' l-obbligi relatati ma' l-implimentazzjoni ta' miżuri kummerċjali preferenzjali (l-oriġini).

– Il-leġiżlazzjoni tat-taxxa tkompli titressaq aktar viċin ta' l-acquis ta' l-UE. Tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-liġijiet tat-taxxa, b'iffukar fuq il-ġbir tad-dħul u l-kontroll, sabiex titnaqqas il-frodi tat-taxxa.

– Ikun hemm impenn lejn il-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta għat-Taxxi Kummerċjali u jiġi żgurat li l-miżuri l-ġodda tat-taxxa huma konformi ma' dawn il-prinċipji.

***Il-Kompetizzjoni***

– Jitwettqu r-reġimi kontra l-monopolju, li japplikaw għall-effetti anti-kompetittivi kollha. Jiġi żgurat li hemm kapaċità amministrattiva għall-infurzar effiċjenti u indipendenti ta' dawn ir-regoli.

– Bħala l-ewwel pass lejn il-kontroll ta' l-għajnuna mill-istat, jissaħħu l-punti ta' koordinazzjoni ta' l-għajnuna mill-istat u tinħoloq trasparenza sħiħa fl-għajnuna mill-istat.

***L-akkwist pubbliku***

– Jiġu implimentati reġimi għal-akkwist pubbliku li jkunu konsistenti u effettivi fiż-żewġ Repubbliki. Jiġi żgurat, li jkun hemm proċeduri trasparenti, minkejja l-valur tal-kuntratt konċernat, u mingħajr diskriminazzjoni bejn il-fornituri tas-Serbja, Montenegro u ta' l-UE.

***Il-liġi dwar il-proprjetà intelletwali***

– Jitkompla jissaħħaħ il-ħarsien tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali billi jiġu adottati il-liġijiet u l-*by-laws* li jkun fadal. Jiġi żgurat li jkun hemm proviżjonijiet penali u li tissaħħaħ il-kapaċità ta' implimentazzjoni u infurzar f'dan il-qasam, l-aktar fis-servizzi tal-fruntieri.

***L-Istatistika***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Jiġu żviluppati statistiċi ekonomiċi li jkunu ta' min joqgħod fuqhom. Jiġi rivedut u adottat *master plan* dwar l-istatistika bil-għan li titjib il-kwalità u jitwessa' l-iskop ta' l-istatistika. L-implimentazzjoni tiegħu tiġi koordinata bejn ir-Repubbliki u ma' l-Unjoni ta' l-Istat. Jissaħħu l-ġbir u l-ipproċessar ta' statistika dwar l-agrikoltura skond l-istandards u l-metodoloġija ta' l-UE; jiġi finalizzat proċess ta' armonizazzjoni man-nomenklatura HS 2000/2002. Fis-*Serbja*: Tiġi adottata leġiżlazzjoni dwar l-istatistika.

*IL-POLITIKA SETTORJALI*

***L-industrija u l-SME***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Jitkompla t-twettiq tal-Karta Ewropea ta' l-Intrapriżi ż-Żgħar.

– Fis-*Serbja*: titkompla l-implimentazzjoni tas-sistema aċċelerata ġdida għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji u, l-introduzzjoni ta' proċeduri aktar mgħaġġla għal liċenzjar. Tissokta l-introduzzjoni ta' evalwazzjonijiet regolatorji ta' l-impatt. Jissaħħu l-possibiltajiet għall-appoġġ u r-rappreżentanza tan-negozju. Ikomplu jiġu żviluppati strutturi lokali/reġjonali ta' appoġġ għan-negozji (gruppi, inkubaturi, parki tan-negozju/teknoloġija).

– Fil-*Montenegro*: Tissaħħaħ l-aġenzija ta' promozzjoni ta' l-investiment awtonomu li għadha kemm twaqqfet. Titkompla l-implimentazzjoni tal-fond għal garanzija nazzjonali. Tissaħħaħ il-

konsultazzjoni/appoġġ tan-negozju. Jiżdiedu l-isforzi biex ikun hemm qbil u konsistenza kif ukoll biex jitħaffu s-sistemi ta' liċenzjar. Tiġi introdotta 'approvazzjoni siekta' fil-liċenzjar u fir-reġistrazzjoni. Tibda l-introduzzjoni ta' l-evalwazzjonijiet regolatorji ta' l-impatt. Jissaħħaħ l-aċċess għall-iffinanzjar u jiġu żviluppati strutturi ta' appoġġ għan-negozji (gruppi, inkubaturi, parki tan-negozju/teknoloġija).

***L-agrikoltura u s-sajd***

– Fis-*Serbja*: Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-formolazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika. Jiġi adottat u jibda jkun implimentat qafas ta' leġiżlazzjoni għas-sigurtà ta' l-ikel, veterinarji u fitosanitarji. jitjiebu l-laboratorji veterinarji, fitosanitarji u sanitarji, l-ispettorati u l-kontrolli fil-fruntieri esterni; titwaqqaf sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni għall-annimali bovini;

– Fil-*Montenegro*: Titkompla tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva biex tiġi formolata u implimentata l-politika. Titwettaq il-liġi dwar kwistjonijiet veterinarji (inklużi l-prodotti tas-sajd) u jissaħħu l-laboratorji veterinarji u fitosanitarji; jissaħħu l-kontrolli. Jiżdiedu l-isforzi biex il-leġiżlazzjoni tkun allinjata ma' l-*acquis* veterinarja u fitosanitarja ta' l-UE. Is-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali għall-bovini tiġi allinjata mal-ħtiġijiet ta' l-UE.

***L-Ambjent***

– Fis-*Serbja*: Il-leġiżlazzjoni titkompla titressaq aktar viċin lejn il-leġiżlazzjoni u l-istandards ta' l-UE (it-tniġġiż ta' l-arja, l-ġestjoni ta' l-iskart u l-ħarsien tan-natura); tkun adottata u tinbeda l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ħarsien ta' l-Ambjent. Tissaħħaħ l-kapaċità amministrattiva l-aktar ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi responsabbli għall-ippjanar, ilpermessi, l-ispezzjonijiet u l-monitorjar, kif ukoll għall-ġestjoni ta' proġetti. Jiġi żviluppat pjan multi-annwali għall-iffinanzjar ta' investiment. Titwettaq il-leġiżlazzjoni adottata, l-aktar dwar l-evalwazzjoni ambjentali u t-tniġġiż industrijali. Tibda l-kostruzzjoni ta' faċilità għat-trattament u għar-rimi sigur ta' skart perikoluż.

– Fil-*Montenegro*: Il-leġiżlazzjoni titkompla tiġi approssimata lejn il-leġiżlazzjoni u l-istandards ta' l-UE, l-aktar fil-qafas leġiżlattiv għall-protezzjoni ta' l-ambjent. Titwettaq u tissaħħaħ il-leġiżlazzjoni adottata. Tiġi żviluppata strateġija globali għall-ħarsien ta' l-ambjent (l-ilma, l-iskart, l-arja). Ikun adottat il-Pjan għall-Użu ta' l-Art; Tkun adottata l-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-istrateġiji settorjali (il-ġestjoni integrata taż-żona tal-kosta, l-biodiversità, l-bdil fil-klima). Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva.

***Il-politika dwar it-trasport***

– Jitlesta l-programm u l-leġiżlazzjoni ta' l-avjazzjoni tkompli tiġi allinjata ma' l-*acquis* ta' l-UE skond l-Ispazju Komuni Ewropew ta' l-Ajru (ECAA).

– Jitwettaq il-Memorandum ta' Ftehim dwar l-Iżvilupp ta' Sistema ta' Trasport Reġjonali għall-Qalba ta' l-Ewropa tax-Xlokk li jinkludi l-Osservatorju tat-Trasport.

– Fis-*Serbja*: Tiġi adottata u implimentata strateġija nazzjonali għat-trasport (it-toroq, il-ferroviji, l-avjazzjoni u l-kanali interni ta' l-ilma), b'attenzjoni lejn il-vijabilità ekonomika tas-settur. Titwettaq il-liġi dwar il-ferroviji. Jilesta l-pjan ġenerali dwar in-navigazzjoni interna.

– Fil-*Montenegro*: Titwettaq il-liġi dwar it-trasport fuq it-toroq (inkluż it-twaqqif ta' strutturi rilevanti għall-implimentazzjoni). Tibda l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti għall-manteniment ta' l-infrastrutturi u l-istituzzjonijiet tat-trasport.

***L-Enerġija***

– Jibdew jiġu implimentati l-impenji taħt il-qafas tat-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija.

– Fis-*Serbja*: Titwettaq bis-sħiħ il-Liġi dwar l-Enerġija waqt li jkun żgurat ukoll li l-Aġenzija Regolatorja ta' l-Enerġija qed taħdem bla problemi ta' ; jitkompla l-awditjar ambjentali fuq l-impjanti ta' enerġija u jiġu indirizzati dawk li jniġġżu l-aktar. Jiġi żgurat li r-ristrutturar ikun separat mill-privatizazzjoni. Jissaħħu l-istrutturi amministrattivi neċessarji. Isir aktar progress lejn suq għall-enerġija reġjonali (li jinkludi interkonnettività mtejba).

– Fil-*Montenegro*: Titlesta u titwettaq l-istrateġija ta' żvilupp għall-enerġija, li tinkludi l-istrateġija ta' effiċjenza għall-enerġija; tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-Ministeru ta' l-Ekonomija fil-qasam ta' l-enerġija; jiġu separati u ristrutturati l-utilitajiet ta' l-enerġija elettrika. Jissaħħaħ ir-Regolatur ta' l-Enerġija. Jitlestew ir-ristrutturar u l-liberalizazzjoni tas-suq intern ta' l-enerġija; jiġu privatizzati u/jew jkunu permessi sħubiji pubbliċi/privati fis-settur.

***Is-soċjetà informatika u l-mezzi tax-xandir***

– Fis-*Serbja*: Jiġi żgurat li s-settur tal-komunikazzjoni elettronika jkun liberalizzat, li l-korpi regolatorji huma indipendenti u li jaħdmu b'mod effettiv u li l-liġijiet u l-politika neċessarji għas-setturi jiġu adottati u applikati.

– Fil-*Montenegro*: Il-kompetizzjoni fis-suq titħeġġeġ permezz tat-tisħiħ ta' l-Aġenzija għat-Telekomunikazzjoni, b'mod partikulari billi jkunu introdotti s-salvagwardji kompetittivi neċessarji u jitwaqqfu t-termini u l-kundizzjonijiet għall-prezzijiet ta' l-interkonettività.

***Il-kontroll finanzjarju***

– Tiġi żviluppata strateġija ta' kontroll intern għall-finanzi pubbliċi.

*IL-ĠUSTIZZJA, L- LIBERTÀ U S-SIGURTÀ*

***Il-viża,i l-kontroll fuq il-fruntieri, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni***

– Tiġi żviluppata strateġija fil-livell ta' l-*Istat ta' l-Unjoni* dwar il-ġestjoni integrata ta' fruntieri u tkun żgurata l-implimentazzjoni fil-livell ta' *Repubbliki* skond il-Memorandum ta' Qbil rilevanti. Bħala verifika tal-Konferenza reġjonali ta' Ohrid, dwar is-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri f'Mejju 2003, għandhom jitwettqu l-miżuri fuq medda qasira ta' żmien li kienu adottati mill-Gvern.

– Fis-*Serbja*: Jittieħdu passi konkreti biex jitwettqu l-aqwa prassi dwar il-pulizija tal-fruntiera; jipproċedu minnufih bit-tneħħija tal-militarizzazzjoni fuq il-kontroll tal-fruntieri b'koordinazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-Unjoni ta' l-Istat.

– Fil-*Montenegro*: Ikompli jissaħħaħ il-kontroll ċivili fuq il-fruntieri (dan jinkludi t-taħriġ u t-tagħmir kumpatibbli ma' l-istandards ta' l-UE).

– Tiġi żviluppata strateġija fil-livell ta' l-*Unjoni ta' l-Istat* għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-viżas, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni skond il-Karta Kostituzzjonali, l-aktar permezz ta' l-armonizazzjoni kompleta ta' reġimi ta' viżas li jintużaw fir-Repubbliki. Jitpoġġew f'posthom mekkaniżmi li jissorveljaw l-implimentazzjoni konsistenti ta' din il-politika fil-livell tar-*Repubbliki*.

– Jiġu adottati l-Liġijiet għall-Kenn Politiku fiż-żewġ Repubbliki u jissoktaw il-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' dħul mill-ġdid. Fis-*Serbja*: tissaħħaħ il-kapaċità u l-infrastruttura taċ-ċentri ta' riċeviment għal dawk li qed ifittxu kenn politiku u għar-refuġjati. Fil-*Montenegro*: Jitkompla l-bini taċ-ċentri ta' riċeviment li hemm ippjanati għan-nies li qed ifittxu l-kenn politiku u r-refuġjati.

***Il-ħasil ta' flus***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tkun żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħasil ta' flus u jissaħħu t-taqsimiet ta' l-intelliġenza finanzjarja.

***Id-drogi***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tiżdied il-kapaċità fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u tiġi żviluppata u tibda tkun implimentata strateġija nazzjonali dwar id-drogi skond l-istrateġija ta' l-UE dwar id-drogi.

***Il-Pulizija***

– Jiġu implimentati l-oqsfa istituzzjonali li kien hemm qbil dwarhom għall-kooperazzjoni ġudizjarja u ta' infurzar tal-liġi bejn ir-*Repubbliki*, l-aktar permezz ta' l-implimentazzjoni sħiħa tal-Memoranda ta' Qbil li kienu ffirmati mill-Ministeri tal-Ġustizzja u Intern rispettivi.

– Fis-*Serbja*: Tiġi adottata l-liġi dwar il-Pulizija sabiex ikun hemm professjonaliżmu u responsabbilità.

– Fil-*Montenegro*: Jitwettqu l-Liġijiet dwar il-Pulizija u l-Aġenzija tas-Sigurtà Nazzjonali u jiġi żgurat professjonaliżmu u responsabbilità.

***Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu***

– Jitwaqqfu mekkaniżmi istituzzjonali effiċjenti għal kooperazzjoni bejn l-aġenziji fir-*Repubbliki* u jifformalizzaw il-kooperazzjoni bejniethom.

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tiġi adottata l-leġiżlazzjoni u tkun żviluppata l-kapaċità biex jinqabdu assi. Tissaħħaħ l-intelliġenza dwar il-kriminali. Tkun adottata leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* personali u jittieħdu l-passi neċessarji biex jippreparaw għall-konklużjoni ta' ftehim dwar il-kooperazzjoni ma' l-Europol. Tissaħħaħ il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni, inkluż il-proviżjoni ta' għajnuna adegwata u l-ħarsien tal-vittmi.

– Tiżdied l-effiċjenza ta' kooperazzjoni internazzjonali u ta' l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti dwar it-terroriżmu; tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn il-fergħat kollha tas-servizzi tas-sigurtà u ma' Stati oħra; jiġu evitati l-iffinanzjar u t-tħejjija ta' atti terroristiċi.

### *3.2. Il-Prijoritajiet fuq Medda Medja ta' Żmien*

## Il-Ħtiġijiet Politiċi

*ID-DEMOKRAZIJA U* L-LIĠI TAD-DRITT

***L-amministrazzjoni pubblika***

– Jitkomplew jissaħħu t-taqsimiet ta' integrazzjoni Ewropea skond il-ministeri u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ma' l-Uffiċċji ta' Integrazzjoni Ewropej.

– Fis-*Serbja*: Titkompla l-implimentazzjoni sħiħa tal-liġijiet dwar is-servizz ċivili u l-amministrazzjoni pubblika. Jitwettqu l-miżuri ta' żvilupp tar-riżorsi umani fis-servizz ċivili. Tissaħħaħ il-kapaċità (il-ħolqien ta' politika u l-koordinazzjoni interministerjali) ta' l-amministrazzjoni pubblika fil-livelli lokali u ta' gvern; titwaqqaf sistema ċentralizzata ta' kont tal-

pagi. Jissaħħaħ il-proċess ta' ħolqien ta' politika fl-ekonomija. Tiġi adottata u implimentata r-riforma ta' deċentralizzazzjoni waqt li tkun żgurata l-vijabilità tal-gvernijiet lokali.

– Fil-*Montenegro*: Tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' l-Awtorità għall-ġestjoni tar-riżorsi umani. Jissaħħaħ il-proċess tal-ħolqien ta' politika. Titwettaq ir-riforma deċentralizzata.

***Ir-riforma tad-difiża***

– Jitkompla l-proċess ta' ristrutturar u riforma tal-forzi armati, inklużi, kif xieraq, it-tiċkin (bil-kunsiderazzjoni ta' l-impatt soċjali), il-konverżjoni u l-privatizzazzjoni ta' l-assi militari u l-industrija tad-difiża, kif ukoll it-tisħiħ tat-trasparenza u l-kontroll ċivili.

***Is-sistema ġudizzjarja***

– Fis-*Serbja*: Tiġi adattata strateġija nazzjonali għar-riforma ġudizzjarja u l-pjan ta' azzjoni sussegwenti, speċjalment fil-qasam tan-nomina u tal-perjodu ta' prova għall–imħallfin, u ta' l-awtonomija tal-prosekuturi. Tinħoloq u titwettaq Sistema ta' l-*IT* għall-prosekuturi fil-livelli kollha; jiġi żgurat l-infurzar ta' deċiżjonijiet tal-qorti. Jitkompla t-tisħiħ tal-kapaċità sabiex il-każi li għandhom x'jaqsmu mal-kriminalità tal-gwerra jinstemgħu domestikament f'konformità sħiħa ma' l-obbligi internazzjonali u b'kooperazzjoni ma' l-*ICTY*.

– Fil-*Montenegro*: Jiġi żgurat it-tħaddim adegwat taċ-Ċentru għat-Taħriġ Ġudizzjarju. Titwettaq l-istrateġija ta' l-*IT* għall-ġudikatura.

***Il-politika kontra l-korruzzjoni***

– Tiġi żgurata konformità sħiħa mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

*ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-PROTEZZJONI TA' MINORANZI*

– Titwettaq l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

– Jiġi żgurat li t-tfal b'diżabilità jew f'minoranza jkunu integrati fis-sistema ewlenija ta' l-edukazzjoni; tiġi riformata s-sistema ta' kura għat-tfal.

– Titkompla l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni tal-minoranzi u tar-relazzjonijiet tajba bejn il-gruppi etniċi.

*IL-KWISTJONIJIET REĠJONALI U L-OBBLIGI INTERNAZZJONALI*

– Tiġi faċilitata l-integrazzjoni għar-refuġjati li jagħżlu li ma jmorrux lura. Fis-*Serbja*: Tiġi adottata leġiżlazzjoni ġdida dwar ir-refuġjati; titkompla titwettaq l-istrateġija nazzjonali. Fil-*Montenegro*: Titwettaq l-istrateġija Nazzjonali dwar ir-refuġjati bħala parti minn strateġija komprensiva dwar l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni soċjali.

## Il-Ħtiġijiet Ekonomiċi

*Fis-Serbja:*

– Titkompla l-politika makro-ekonomika sostenibbli; jitkompla l-aġġustament fiskali u l-konsolidazzjoni biex ikomplu jnaqqsu l-iżbilanċi esterni u jrażżnu l-pressjonijiet ta' l-inflazzjoni Jiġi prijorizzat l-infiq pubbliku fl-ibbaġittjar annwali u fuq terminu medju; jitnaqqas, speċjalment, it-telf kważi fiskali ta' dawk il-kumpaniji li huma ta' l-istat jew dawk kollettivi. Titkompla l-

implimentazzjoni ta' politika ta' paga moderata. Titkompla r-riforma tas-sistema tal-pensjoni u tas-sistemi ta' assigurazzjoni fuq is-saħħa.

– Jitjieb il-proċess tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja; jissaħħaħ il-bini tal-ħila għall-preparazzjoni tal-baġit u għall-eżekuzzjoni sabiex tkun permessa l-prijoratizzazzjoni. Titjieb il-ġestjoni finanzjarja fil-livell ta' gvern ċentrali u lokali.

– Jitwaqqfu proċeduri effettivi għad-detenzjoni, trattament, u l-verifika ta' każi suspettati ta' frodi u irregolaritajiet oħra li jaffetwaw il-fondi nazzjonali u internazzjonali.

– Jitkompla l-proċess ta' privatizazzjoni ta' l-intrapriżi il-kbar kemm ta' dawk kollettivi kif ukoll dawk ta' l-istat u, fejn ikun approprjat, l-intrapriżi pubbliċi, biex jgħinu fit-tkabbir tas-sehem tas-settur privat fl-ekonomija.

– Jissaħħaħ l-ambjent tal-kummerċ biex jiġu promossi l-iżvilupp tas-settur privat u tax-xogħol bi swieq kompetittivi, fuq l-istess livell u l-aċċess għall-iffinanzjar permezz ta' l-iżvilupp tas-settur finanzjarju.

– Jissaħħaħ it-tħaddim tas-suq ta' l-art/proprjetà. Jiġu adottati u implimentati l-leġiżlazzjoni tal-katastat u l-leġiżlazzjoni li tippermetti l-pusses privat ta' l-art urbana. Tibda r-riforma ta' l-art, ir-ristrutturar u l-privatizazzjoni ta' l-irziezet kbar.

– Jitkomplew ir-riformi neċessarji biex ikun hemm qbil mar-regoli u ma' l-obbligi tad-WTO sabiex jitħaffef il-proċess ta' adeżjoni mad-WTO.

– Jibda t-tfassil u l-applikazzjoni ta' politika għal riċerka integrata.

*Fil-Montenegro:*

– Titkompla l-politika makroekonomika sostenibbli; jitkomplew l-aġġustament fiskali u l-konsolidazzjoni biex ikomplu jnaqqsu l-iżbilanċi esterni. Jiġi prijorizzat l-infiq pubbliku fl-ibbaġittjar fuq medda qasira u medja ta' żmien; jonqsu, speċjalment, is-sussidji, t-trasferimenti u l-kont tal-pagi tas-servizz ċivili. Jonqos kontinwament l-infiq pubbliku ġenerali bħala parti mill-GDP.

– Jitjiebu l-proċess tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja; jissaħħaħ il-bini tal-ħila għall-preparazzjoni tal-baġit u għall-eżekuzzjoni sabiex tkun permessa l-prijoratizzazzjoni. Titjieb il-ġestjoni finanzjarja fil-livell ta' gvern ċentrali u lokali.

– Jitwaqqfu proċeduri effettivi għad-detenzjoni, għat-trattament, u għall-verifika ta' każi suspettati ta' frodi u irregolaritajiet oħra li jaffetwaw il-fondi nazzjonali u internazzjonali.

– Jissaħħaħ l-ambjent tal-kummerċ biex jiġu promossi l-iżvilupp tas-settur privat u tax-xogħol bi swieq kompetittivi, fuq l-istess livelli u l-aċċess għall-iffinanzjar permezz ta' l-iżvilupp tas-settur finanzjarju. Jiġi żgurat qbil u konsistenza fil-proċeduri kummerċjali ġudizzjarji.

– Jitkomplew ir-riformi neċessarji biex ikun hemm qbil mar-regoli u ma' l-obbligi tad-WTO sabiex ikun aċċellerat l-proċess ta' adeżjoni mad-WTO.

– Jibda t-tfassil u l-applikazzjoni ta' politika għal riċerka integrata.

## L-Istandards Ewropej

*IS-SUQ INTERN*

### *Iċ-ċaqliq ħieles tal-kapital*

– Fiż-żewġ *Repubbliki*, titkompla l-liberalizazzjoni taċ-ċaqliq tal-kapital fuq terminu qasir u medju.

### *Iċ-ċaqliq ħieles tal-prodotti*

– Jitkompla l-iżvilupp ta' l-istandardizazzjoni, speċjalment permezz ta' l-adozzjoni ta' l-istandards Ewropej. Titkompla t-traspożizzjoni tad-direttivi ta' l-Istrateġija l-Ġdida u Globali u l-Istrateġija l-Qadima. Titwaqqaf struttura għas-sorveljanza tas-suq kif mitlub mill-*acquis*.

### *Id-dwana u t-tassazzjoni*

– Tiġi żgurata l-approssimazzjoni kontinwa ma' l-*acquis* tal-leġiżlazzjoni doganali u tat-tassazzjoni fis-Serbja u fil-Montenegro, u tkompli tiżdied il-ħila amministrattiva biex jitwettqu l-leġiżlazzjoni tad-dwana, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-kriminalità li taqsam il-fruntieri, u l-evażjoni fiskali.

– Jissaħħu t-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni ma' l-Istati Membri ta' l-UE sabiex jitħaffef l-infurzar ta' miżuri li jipprevjenu li t-taxxi jiġu evitati jew evaži.

– ***L-istatistika***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Jiġu żviluppati statistiċi ekonomiċi li huma ta' min joqgħod fuqhom. Tinbena l-kapaċità istituzzjonali li tipproduċi u tippubblika *data* bażika ta' statistika armonizzata skond l-istandards Ewropej fiż-żona ta' l-istatistika kummerċjali, l-istatistika fis-suq ta' l-impjiegi u tal-kontijiet nazzjonali.

*IL-POLITIKA SETTORJALI*

***L-industrija u l-SME***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Titwettaq il-Karta Ewropea għall-SMEs.

***L-agrikoltura u s-sajd***

– Fis-*Serbja*: Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-formolazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika. Titfassal u tibda titwettaq politika għall-iżvilupp rurali. Ikomplu jissaħħu l-leġiżlazzjoni u l-kontrolli veterinarji, sanitarji fitosanitarji u tas-sigurtà ta' l-ikel, li jinkludu l-laboratorji ta' l-inbid. Tissaħħaħ il-ġestjoni ta' l-iskart u jitnaqqas it-tniġġiż ta' l-agrikoltura. Jissaħħu s-sistemi tas-swieq ta' l-agrikoltura u ta' l-ikel, li jinkludu l-kontrolli ta' kwalità u HACCP; ikun hemm tnaqqis fid-distorzjonijiet tal-politika fis-swieq ta' l-agrikoltura u fir-riforma tad-Direttorat għar-Riservi tal-Komoditajiet. Jiġu estiżi l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali għal speċi oħra. Jitħejja programm għall-klassifikazzjoni ta' stabilimenti li jipproċessaw l-ikel biex jilħqu l-obbligi ta' l-UE.

– Fil-*Montenegro*: Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-formolazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika. Titfassal u tibda titwettaq politika għall-iżvilupp rurali. Tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali għas-sigurtà ta' l-ikel. Jitħejja programm għall-klassifikazzjoni ta' stabilimenti li jipproċessaw l-ikel biex jilħqu l-obbligi ta' l-UE. Tibda tittieħed azzjoni dwar l-identifikazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż u r-reġistrazzjoni taċ-ċaqliq tagħhom. Tibda tittieħed azzjoni biex ikun żgurat kontroll effiċjenti tal-produzzjoni tal-pjanti domestiċi speċjalment għal dawk il-prodotti li għandhom obbligi speċifiċi ta' l-UE. Jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-politika tas-sajd tersaq aktar viċin lejn l-istandards ta' l-UE, speċjalment fiż-żoni ta' ġestjoni tar-riżorsi, ta' spezzjoni u ta' kontroll u fil-politika strutturali u tas-suq.

***L-Ambjent***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tissokta l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni biex tersaq viċin il-leġiżlazzjoni ta' l-UE. Titkompla titwettaq il-leġiżlazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali. Jiġi ratifikat u jibda jitwettaq il-protokoll ta' Kyoto. Ikun żgurat qafas finanzjarju vijabbli għat-twettiq ta' politika għall-ħarsien ta' l-ambjent fuq terminu medju sa twil.

– Fis-*Serbja*: Jiġu adottati u jibdew jitwettqu strateġiji dwar it-tniġġiż ta' l-arja, l-ġestjoni ta' l-iskart u l-ħarsien tan-natura. Jikompla t-twettiq ta' l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u ta' l-istrateġija għall-ilma. Titkompla tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi ambjentali. Tibda l-implimentazzjoni tal-pjan multi-annwali biex ikun iffinanzjat l-investiment. Tkun finalizzata l-kostruzzjoni ta' faċilità għat-trattament u għar-rimi sigur ta' skart perikoluż.

– Fil-*Montenegro*: Il-leġiżlazzjoni tkompli tersaq aktar viċin lejn il-leġiżlazzjoni u l-istandards ta' l-UE, l-aktar il-leġiżlazzjoni dwar it-tniġġiż ta' l-arja, ta' l-ilma u ta' l-iskart. Tibda l-implimentazzjoni tal-Pjan dwar l-Użu ta' l-Art u l-istrateġija dwar il-ħarsien ambjentali ġenerali. Tiġi żviluppata strateġija globali għall-ħarsien ta' l-ambjent (l-ilma, l-iskart, l-arja). Tibda l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-istrateġiji settorjali (il-ġestjoni integrata taż-żona tal-kosta, l-biodiversità, l-bdil fil-klima). Tkompli tissaħħaħ l-kapaċità amministrattiva l-aktar ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi responsabbli għall-ippjanar, l-permessi, l-ispezzjonijiet u l-monitorjar, kif ukoll għall-ġestjoni ta' proġetti.

***Il-politika dwar it-trasport***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Ikompli jiġi msaħħaħ il-bini tal-kapaċità, li tinkludi t-tħejjija għall-investimenti l-kbar. Titkompla l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti għall-manteniment ta' l-infrastrutturi u l-istituzzjonijiet tat-trasport.

– Jitwettqu l-obbligi internazzjonali skond l-konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u jissaħħu l-kundizzjonijiet tas-sigurtà marittima għall-fliegu fid-dawl tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi.

***L-Enerġija***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tkun adottata u titwettaq strateġija fuq terminu twil għall-politika ta' l-enerġija ambjentalment sostenibbli.

– Jitkomplew jitwettqu l-impenji reġjonali u internazzjonali f'dan il-qasam sabiex ikun jista' jitwaqqaf suq reġjonali ta' l-enerġija kompetittiv.

***Is-soċjetà informatika u l-medja***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: It-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid ta' l-UE għall-komunikazzjoni elettronika. Jiġu żgurati l-indipendenza, r-riżorsi suffiċjenti u l-kompetenza ta' l-awtoritajiet regolatorji. Jinbeda l-allinjament ma' l-*acquis* awdjoviżiva ta' l-UE.

***Il-kontroll finanzjarju***

– Jiġu żviluppati u implimentati l-prinċipji tar-responsabbiltà ta' ġestjoni deċentralizzata u ta' l-awditjar intern li jiffunzjona independentament skond l-istandards aċċettati internazzjonalment u l-aħjar prattika ta' l-UE.

– Tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali u ta' tħaddim kif ukoll l-indipendenza finanzjarja ta' l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika,

– Jiġu żviluppati proċeduri u kapaċitajiet amministrattivi biex ikun żgurat il-ħarsien effettiv ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE.

*IL-ĠUSTIZZJA, L- LIBERTÀ U S-SIGURTÀ*

***Il-viża, l-kontroll fuq il-fruntieri, l-kenn politiku u l-migrazzjoni***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tiġi żviluppata l-infrastruttura teknika u l-kapaċitajiet tar-riżorsi umani biex titwettaq il-politika tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri li tinkludi t-tisħiħ tal-pulizija tal-fruntiera u tas-servizzi doganali. Jissaħħu l-faċilitajiet bejn fruntiera u oħra permezz ta' tabelli ġodda tal-fruntieri. Tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tar-Repubbliki responsabbli mill-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni.

***Il-Pulizija***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Jitkompla r-ristrutturar; tiġi żgurata r-responsabbiltà; tiġġedded l-edukazzjoni tal-pulizija; tiġi żgurata l-kooperazzjoni fost l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi.

***Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu***

– Fiż-żewġ *Repubbliki*: Tiġi żviluppata sistema effettiva għall-ħarsien tax-xhieda li tkun tinkludi wkoll elementi reġjonali. Tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità ekonomika u finanzjarja (li tinkludi l-ħasil ta' flus u l-falsifikazzjoni tal-muniti), il-frodi u l-korruzzjoni, kif ukoll titjieb l-leġiżlazzjoni relatata. Jitħaffef l-inkarigar ta' l-uffiċjali ta' kooperazzjoni, sekondati mill-istati membri ta' l-UE fil-korpi ta' stat rilevanti involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Titwettaq il-Konvenzjoni ta' Palermo dwar il-kriminalità organizzata transnazzjonali.

– Fis-*Serbja*: Tissaħħaħ il-kapaċità fil-Ministeru ta' l-Intern (l-aktar fid-direttorat għall-kriminalità organizzata). Ikunu żviluppati l-proċeduri u l-kapaċità biex ikun hemm skambju ta' l-intelliġenza bejn l-aġenziji.

– Fil-*Montenegro*: Tiżdied il-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja biex jitwettaq il-kodiċi kriminali fir-rigward tal-kriminalità organizzata. Tissaħħaħ it-Taqsima għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-Ministeru ta' l-Intern u tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-korpi kollha ta' l-infurzar.

**IL-KOSOVO kif definit fir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.**

### *3.1. Il-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien*

– Sabiex jiġi żgurat li l-Kosovo jkun sigur, demokratiku u multi-etniku, hemm bżonn li titwettaq l-implimentazzjoni ta' l-Istandards ta' Kosovo approvati mill-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

– Il-prijoritajiet li ġejjin għandhom ikunu indirizzati f'dan il-kuntest:

## Il-Prijoritajiet Prinċipali

– Jiġi żgurat li jkun hemm rispett sħiħ lejn il-liġi tad-dritt u li tiġi segwita politika ta' tolleranza żero kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-kriminalità finanzjarja.

– Tiġi żgurata tmexxija demokratika ta', u l-provvediment ta' servizzi pubbliċi lin-nies kollha tal-Kosovo, li tistabilixxi amministrazzjoni pubblika professjonali, responsabbli, aċċessibbli, rappreżentattiva u trasparenti u ħielsa minn interferenza politika.

– Tinħoloq klima għall-multietniċità sostenibbli u li twassal biex ikun hemm riżultati. Jiġi żgurat ir-rispett, is-sigurtà, il-libertà tal-moviment u l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet kollha. Jiġi kkundannat espliċitament kull manifestazzjoni ta' sentiment kontra l-komunitajiet f'minoranza. Issir prosekuzzjoni vigoruża ta' kull kriminalità bejn il-gruppi etniċi.

– Jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-investiment, il-kummerċ u t-tkabbir ekonomiku.

– Tiġi żgurata kooperazzjoni sħiħa bejn it-Tribunal Kriminali Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-ex Jugoslavja (l-ICTY).

– Tkun rispettata bis-sħiħ ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 (UNSCR 1244) u jkun intensifikat djalogu preparat tajjeb ma' Belgrad. Tintwera attitudni kostruttiva.

## Il-Ħtiġijiet Politiċi

*ID-DEMOKRAZIJA U* L-LIĠI TAD-DRITT

***L-Istituzzjonijiet proviżjonali ta' tmexxija awtonoma***

– Jiġi żgurat it-tħaddim effettiv ta' l-Assemblea u l-kumitati tagħha, tal-gvern u tal-muniċipalitajiet, li jinkludu r-rispett sħiħ lejn ir-regoli ta' proċedura rispettivi, u d-drittijiet u l-interessi tal-komunitajiet kollha.

– Tiżdied is-superviżjoni eżekuttiva bil-, u r-responsabbiltà u t-trasparenza, fi ħdan l-Assemblea.

– Jiżdied is-sehem tal-minoranza fl-istituzzjonijiet kollha u fis-servizz ċivili fil-livell muniċipali u ċentrali.

– Jitħejja u jitwettaq ċensiment dwar il-popolazzjoni u d-djar b'rispett sħiħ lejn l-istandards internazzjonali.

***L-Elezzjonijiet***

– Isiru elezzjonijiet li jkunu ħielsa, ġusti u trasparenti. Tissaħħaħ il-Kummissjoni għall-Elezzjoni Ċentrali li tkun indipendenti u multi-etnika biex tamministra l-elezzjonijiet ta' l-2006 f'waqthom.

– Jiġi żgurat li jkunu provdutu siti adegwati għall-voti, s-sigurtà u l-miżuri l-oħra għall-komunitajiet kollha biex jeżerċitaw id-drittijiet tal-voti tagħhom. Il-persuni spostati internament u r-refuġjati għandhom jingħataw l-kapaċità li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet anke jekk l-abilità tagħhom li jirritornaw lejn il-Kosovo hija mnaqqsa.

***L-amministrazzjoni pubblika***

– Jiġu infurzati proċeduri trasparenti dwar ir-reklutaġġ, it-trasferiment, il-valutazzjoni, il-promozzjoni, il-kondotta u t-tkeċċija ta' ħaddiema taċ-ċivil li jinkludu l-Korpi tal-Protezzjoni fil-Kosovo (KPC), il-pulizija, il-ħaddiema mas-sistema ġudizzjarja u l-ġestjoni finanzjarja.

– Titjieb il-kwalità u d-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi bażiċi għall-komunitajiet kollha, li bħala kontribut, jinkludu t-tnaqqis fid-domanda għas-servizzi provduti minn strutturi paralleli.

– Jiġu żviluppati u miżmuma l-istituzzjonijiet ta' taħriġ għas-servizz pubbliku li jkunu effettivi u ħielsa minn influenza politika. Jissaħħaħ it-taħriġ fil-livell ta' tmexxija għolja. L-istitut ta' l-amministrazzjoni pubblika tal-Kosovo jiġi żviluppat f'organizazzjoni li tkun kapaċi twassal taħriġ professjonali lill-ħaddiema kollha taċ-ċivil.

– Tiġi adottata il-Liġi dwar il-ġestjoni ta' emerġenza u jissaħħu l-ħidma, il-professjonaliżmu u l-koordinazzjoni ta' l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Kosovo, li jinkludu l-KPC, dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni ċivili.

– Jitwettaq avvanz fir-riforma ta' l-tmexxija awtonoma lokali li jikkunsidra l-veduti u l-interessi tal-komunitajiet kollha fil-Kosovo, li jinkludi l-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati għall-baġit u jżid il-kapaċità amministrattiva biex jitħaffef il-proċess ta' deċentralizazzjoni.

***Is-sistema ġudizzjarja***

– Jiġu żgurati qrati effettivi u imparzjali ħielsa mill-influenza politika.

– Jitħarsu x-xhieda.

– Titwettaq is-sistema ta' ġestjoni awtomizzata tal-każi biex jonqsu l-proċeduri tal-qorti li huma b'lura speċjalment fil-liġi ċivili. Jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tal-qorti ċivili jkunu infurzati.

– Ikomplu jiġu żviluppati l-edukazzjoni u t-taħriġ legali, partikolarment għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-ħaddiema amministrattivi. Tkun adottata u implimentata l-liġi dwar l-Istitut Ġudizzjarju tal-Kosovo u jinbidel f'istituzzjoni vijabbli responsabbli għat-taħriġ ġudizzjarju.

– Jissaħħu l-qrati muniċipali u l-azzjoni tal-pulizija għall-prevenzjoni, sanzjoni u jiġu indirizzati l-okkupanza, l-użu u l-bini ta' proprjetà illegali.

– Jissaħħaħ l-Uffiċċju tal-Prosekutur biex jiġi żgurat li huwa kapaċi li jkun konformi mal-prinċipji ta' l-awtonomija u l-imparzjalità.

– Tiġi żviluppata kapaċità li tkun ħielsa mill-influenza politika biex tieħu kompetenzi fl-oqsma tal-ġustizzja u l-intern.

***Il-politika kontra l-korruzzjoni***

– Titwettaq il-liġi dwar it-trażżin tal-korruzzjoni. Titwaqqaf l-aġenzija kontra l-korruzzjoni. Jiġi adottat u implimentat il-pjan kontra il-korruzzjoni.

*ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-PROTEZZJONI TA' MINORANZI*

– Jiġi żgurat il-funzjonament kontinwu u indipendenti u l-vijabbiltà finanzjarja ta' istituzzjoni imparzjali għal *ombudsperson*, u li jingħata l-konsiderazzjoni dovuta għar-rakkomandazzjonijiet ta' l-*Ombudsperson*.

– Jiġi faċilitat u mħeġġeġ ir-ritorn tar-refuġjati u tal-persuni spostati mill-komunitajiet kollha u tiġi finalizzata r-riabilitazzjoni ta' proprjetajiet, inklużi s-siti storiċi u reliġjużi, li ġarrbu ħsara jew inqerdu waqt l-avvenimenti ta' Marzu 2004.

– Jissaħħu l-istrutturi amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà fil-ministeru tal-komunitajiet u tal-persuni li jirritornaw. Ikompli jiġi żviluppat u implimentat il-qafas strateġiku konġunt dwar il-komunitajiet u l-persuni li jirritornaw u jiġu żviluppati mekkaniżmi fil-livell muniċipali biex tiġi faċilitata l-integrazzjoni sostenibbli tal-persuni li jirritornaw u tal-komunitajiet tal-minoranzi eżistenti.

– Tiġi adottata u infurzata liġi effettiva dwar il-lingwi uffiċjali u jitwaqqaf mekkaniżmu effettiv biex tkun sorvelljata l-implimentazzjoni tagħha.

– Jiġu regolarizzati l-kolonji informali. Jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli ta' ripatrijazzjoni għall-integrazzjoni tal-komunitajiet ta' minoranza ta' Roma li qed jgħixu f'kundizzjonijiet perikoluż f'kampijiet u għall-gruppi ta' l-IDP li jgħixu f'ċentri informali.

– Tiġi adottata l-liġi dwar il-preservazzjoni tal-wirt kulturali u jitwaqqfu l-mekkaniżmi amministrattivi li jiżguraw li titwettaq.

– Jiġu adottati l-liġijiet dwar ix-xandir pubbliku u kontra d-defamazzjoni ċivili. Tkun ikkonsolidata s-sistema awto-regolatorja għall-medja bit-twaqqif ta' Kummissjoni Indipendenti għall-Mezzi tax-xandir, bit-tħaddim effettiv tal-Kunsill ta' l-Istampa u bl-implimentazzjoni ta' Kodiċi ta' l-Istampa.

– Jitwaqqaf qafas legali adegwat għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi u jkun żgurat li jistgħu joperaw b'mod ħieles fi ħdanu.

– Jitlestew l-leġiżlazzjoni u l-azzjonijiet biex jitħarsu d-drittijiet ta' proprjetà l-aktar dwar min jingħata l-pussess; l-okkupanza u d-drittijiet għall-proprjetà residenzjali u mhux residenzjali, inkluż il-qafas leġiżlattiv li jirregola l-kostruzzjoni. Jiġu armonizzati r-regolamenti muniċipali u jitwaqqaf mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni effettiva tat-tilwim dwar il-proprjetà kummerċjali u agrikola. Jiżdied l-għarfien pubbliku dwar il-konsegwenzi tal-kostruzzjoni illegali.

– Tiġi żviluppata u implimentata strateġija li tinkludi arranġamenti suċċessivi sostenibbli għad-Direttorat tad-Djar u tal-Proprjetà sabiex jitwettqu l-klejms kollha dwar il-proprjetà residenzjali li hemm pendenti.

– Jissaħħu l-kwalità ta' l-edukazzjoni primarja u sekondarja, l-edukazzjoni ogħla u t-taħriġ vokazzjonali u edukattiv.

– Tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni.

– Jittieħdu miżuri konkreti biex jkun hemm il-prevenzjoni u s-sanzjoni ta' kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa.

*IL-KWISTJONIJIET REĠJONALI U L-OBBLIGI INTERNAZZJONALI*

– Jissaħħu l-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin tal-viċinat.

– Jiġi konkluż u implimentat ftehim ta' kummerċ ħieles fi ħdan ir-reġjun u jkun hemm parteċipazzjoni fl-inizjattivi kollha reġjonali rilevanti l-aktar taħt l-awspiċi tal-Patt ta' Stabbilità.

## Il-Ħtiġijiet Ekonomiċi

– Jintemm il-proċess ta' privatizazzjoni skond l-iskeda tal-*Kosovo Trust Agency*.

– Titlesta l-inkorporazzjoni ta' l-intrapriżi pubbliċi, l-aktar ta' l-utilitajiet ta' l-elettriku, tal-ferroviji, ta' tisħin tad-distretti u tas-servizzi ta' l-ilma u l-iskart. Jitwettqu aktar miżuri ta' ristrutturar sabiex jissaħħu t-tmexxija, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom. Ikompli jissaħħaħ il-qafas regolatorju għall-intrapriżi pubbliċi u tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tar-regolaturi indipendenti.

– Tissaħħaħ it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Tiġi żgurata konsistenza fil-baġit ta' l-2006 mal-Qafas ta' Nefqa fuq Medda Medja ta' Żmien li kien konsolidat.

– Jiġu definiti u applikati l-prijoritajiet makroekonomiċi u tal-baġit f'kooperazzjoni stretta ma' l-IMF.

– Tissaħħaħ id-dixxiplina fiskali u l-kontroll aħjar tan-nefqa pubblika. Jitwaqqfu proċeduri effettivi għad-detenzjoni, it-trattament, u l-verifika ta' każi suspettati ta' frodi u irregolaritajiet oħra li jaffetwaw il-fondi nazzjonali u internazzjonali.

– Jitkompla l-iżvilupp ta' qafas leġiżlattiv u ta' politika għall-kummerċ u politika relatata mal-kummerċ, waqt li tkun żgurata konformità ma' l-UE u d-WTO. Titnieda u titwettaq il-Liġi dwar l-Attività tal-Kummerċ Estern.

## L-Istandards Ewropej

– Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-istituzzjonijiet kollha għall-verifika effettiva dwar il-konsistenza tal-politika u tal-leġiżlazzjoni mal-ħtiġijiet ta' l-UE, l-aktar permezz ta' l-infurzar mill-ġdid ta' l-istrutturi li għandhom x'jaqsmu ma' l-approssimazzjoni Ewropea.

*IS-SUQ INTERN*

***Iċ-ċaqliq ħieles tal-prodotti***

– Titħejja l-leġiżlazzjoni neċessarja u titwaqqaf l-infrastruttura dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' l-istardizzazzjoni, l-metroloġija, l-akkreditazzjoni, u l-evalwazzjoni ta' konformità, waqt li tkun meqjusa l-komplimentarjetà mar-reġjun.

– Titwettaq il-liġi dwar il-Kummerċ Domestiku.

***Iċ-ċaqliq ħieles tal-kapital***

– Jiġu adottati l-ħtiġijiet adegwati ta' prudenza u jissaħħaħ il-proċess superviżorju fis-settur finanzjarju.

***Id-Dwana u t-tassazzjoni***

– Tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-amministrazzjoni tad-dwana biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni u l-kriminalità minn fruntiera għal oħra. Tissaħħaħ il-kapaċità tat-taqsima għall-investigazzjoni kriminali.

– Jiġi żgurat li l-obbligi li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni ta' miżuri preferenzjali ta' negozju (l-oriġini) jiġu osservati.

– Ikun hemm impenn lejn il-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta għat-Taxxi Kummerċjali u jiġi assigurat li l-miżuri l-ġodda tat-taxxa huma konformi ma' dawn il-prinċipji.

***L-akkwist pubbliku***

– Tiġi adottata u implimentata b'mod effettiv il-liġi riveduta għax-xiri pubbliku, inkluża l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata. Jitwaqqfu l-proċeduri effettivi ta' reviżjoni.

***Il-liġi dwar il-proprjetà intelletwali***

– Titfassal u tiġi implimentata leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali. Tiġi definita strateġija fuq terminu medju biex jissaħħaħ l-infurzar ta' dawn id-drittijiet.

***L-istatistika***

– Jitwaqqaf l-ewwel sett ta' statistika tal-kontijiet (tat-tip nazzjonali) li jkun ta' min joqgħod fuqu.

*IL-POLITIKA SETTORJALI*

***L-industrija u l-SME***

– Tiġi adottata strateġija fuq terminu medju għal politika ta' l-SME, li tinkludi t-twaqqif ta' aġenzija ta' appoġġ għall-SME u l-aġenzija għall-promozzjoni ta' l-investiment. Tkompli titwettaq il-Karta Ewropea ta' l-Intraprizi ż-Żgħar.

– Jiġi adottat qafas għal rappurtaġġ finanzjarju b'għan ġenerali għaċ-ċirkostanzi tal-Kosovo, li jillimita l-użu ta' IFRS/IAS għal entitajiet b'interess pubbliku u jsir użu sħiħ ta' l-eżenzjonijiet prevvisti fir-raba' u fis-seba' direttiva tal-liġijiet tal-kumpaniji.

***L-agrikoltura u s-sajd***

– Titfassal u tibda titwettaq politika għall-iżvilupp rurali.

– Jitkompla l-allinjament tal-leġiżlazzjoni dwar l-acquis veterinarja u fitosanitarja ta' l-UE.

– Is-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali għall-bovini tiġi allinjata mal-ħtiġijiet ta' l-UE.

***L-ambjent***

– Titħejja l-adozzjoni u t-twettiq tal-leġiżlazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali skond l-*acquis* ta' l-UE.

– Jitħejja pjan għall-azzjoni ambjentali komprensiv, speċjalment li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' saħħa pubblika bil-għan li jersaq lejn l-acquis ta' l-UE.

– Jitħejjew attivitajiet biex jiżdied l-għarfien pubbliku u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fi kwistjonijiet ambjentali.

***Il-politika dwar it-trasport***

– Jitwettaq il-Memorandum ta’ Ftehim dwar l-iżvilupp ta’ Sistema tat-Trasport Reġjonali għall-Qalba ta’ l-Ewropa tax-Xlokk li jinkludi l-Osservatorju tat-Trasport.

– Titwettaq il-Liġi dwar it-trasport bit-triq. Tiġi adottata Liġi dwar is-Sigurtà tat-Toroq u jibdew ikunu implimentati miżuri f'dan il-qasam.

– Tissaħħaħ il-kapaċità ta’ l-ippjanar għat-trasport biex tadotta u tibda twettaq qafas ta’ politika għat-trasport, inkluż l-iżvilupp ta’ strateġija ta’ trasport b’diversi modi dwar il-livell ċentrali u lokali.

– Titkompla tissaħħaħ il-ġestjoni ta’ l-assi mmexxija mid-*data* għall-manteniment u r-riabilitazzjoni.

– Il-leġiżlazzjoni ta’ l-avjazzjoni tkompli tiġi allinjata ma’ l-*acquis* ta’ l-UE skond iż-Żona ta’ l-Avjazzjoni Komuni Ewropea.

– Jiġi żviluppat l-operatur ċivili ta’ l-ajruport ta’ Pristina, l-ħaddiema u l-faċilitajiet tiegħu, biex ikun żgurat livell ta’ sigurtà u ġestjoni sigura u responsabbli.

***L-Enerġija***

– Jibdew jitwettqu l-impenji li ntrabtu għalihom taħt il-qafas tat-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija. Jiġu żgurati l-vijabilità u s-sostenibbiltà tal-kumpanija ta’ l-elettriku, l-aktar billi jiżdied sostanzjalment il-ġbir tad-dħul u jsir titjib fl-istrutturi ta’ tmexxija.

***Is-soċjetà informatika u l-mezzi tax-xandir***

– Tiġi adottata u tibda titwettaq politika dwar is-sistemi tal-komunikazzjoni elettronika u s-servizzi li għandhom l-għan li joħolqu ambjent stabbli kompetittiv sabiex jiġi attirat investiment barrani.

***Il-kontroll finanzjarju***

– Tiġi żviluppata l-istrateġija għall-Kontroll Pubbliku Intern tal-Finanzi bħala l-bażi biex jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet f’dan il-qasam.

*IL-ĠUSTIZZJA, IL- LIBERTÀ U S-SIGURTÀ*

***Il-viża, il-kontroll fuq il-fruntieri, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni***

– Tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-ġestjoni ta’ fruntieri/konfini.

***Il-ħasil ta’ flus***

– Jiġi żgurat li ċ-Ċentru ta’ Informazzjoni Finanzjarja jwettaq ir-rwol tiegħu fil-ġbir u fl-evalwazzjoni tad-*data* dwar il-ħasil tal-flus b’mod effettiv.

***Id-drogi***

– Tkompli tissaħħaħ il-kapaċità lokali fit-taqsima ta' l-investigazzjoni dwar id-droga.

***Il-Pulizija***

– Tissaħħaħ l-effettività ta' l-investigazzjonijiet dwar il-kriminalità. Tiġi adottata u titwettaq il-leġiżlazzjoni li tistabilixxi s-Servizz tal-Pulizija għall-Kosovo (KPS) u jissaħħu l-kapaċitajiet investigattivi u ta’ kontroll intern. Tissaħħaħ it-tmexxija tiegħu.

– Jiġi żgurat li l-akkademija futura għall-edukazzjoni u t-taħriġ dwar is-sigurtà pubblika tkun korp indipendenti u professjonali ta' taħriġ.

***Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu***

– Tkompli tissaħħaħ il-kapaċità lokali fid-direttorat għall-kriminalità organizzata fi ħdan il-KPS. Jitwettaq il-pjan ta' azzjoni kontra t-traffikar tal-persuni.

### *3.2. Il-Prijoritajiet fuq Medda Medja ta' Żmien*

## Il-Ħtiġijiet Politiċi

*ID-DEMOKRAZIJA U L-LIĠI TAD-DRITT*

***L-amministrazzjoni pubblika***

– Titkompla r-riforma sostenibbli għall-amministrazzjoni pubblika waqt li jiġu rispettati l-limiti tal-baġit. Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva lokali biex tipprovdi servizzi lill-kostitwenti b'mod ġust u effettiv.

***Is-sistema ġudizzjarja***

– Jiġi definit u konsolidat korp komplet ta' liġijiet li jirrispetta d-drittijiet u l-interessi tal-komunitajiet kollha, li jitfassal mis-sorsi legali kollha li japplikaw fil-Kosovo.

– Tiġi disinjata u titwettaq strateġija komprensiva li ttejjeb l-indipendenza tal-ġudikatura, kif ukoll l-awtonomija tas-sistema ta' prosekuzzjoni.

– Tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-effettività ta' l-aġenziji ġudizzjarji u dawk għall-infurzar tal-liġi. Tiġi żgurata l-vijabilità ta' sistema komprensiva ta' għajnuna legali. Jiġi żviluppat mekkaniżmu għal riżoluzzjoni alternattiva tal-kunflitti.

– Tissaħħaħ is-sistema penitenzjarja b'attenzjoni partikolari għas-sigurtà, il-kontroll, il-ġestjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-iskemi ta' integrazzjoni mill-ġdid , kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet.

*ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-PROTEZZJONI TA' MINORANZI*

– Tiġi adottata leġiżlazzjoni u jitwaqqfu u jiġu rispettati mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-drittijet umani u tal-minoranzi skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

– Tiġi żgurata l-eżistenza vijabbli tal-komunitajiet f'minoranza u l-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja tagħhom fis-soċjetà, waqt li jittieħdu miżuri konkreti li jiżguraw is-sigurtà, il-libertà tal-moviment kif ukoll il-proviżjoni ġusta ta', u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u universali.

– Titwettaq il-liġi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Tiġi assigurata l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tad-drittijiiet tan-nisa fil-politika u fil-leġiżlazzjoni kollha eżistenti.

– Tiġi żviluppata politika integrata ta' konservazzjoni għall-wirt kulturali. Jiġi żgurat li l-għarfien ġenerali u r-rispett għall-wirt kulturali, jiżdied.

– Jiġi assigurat li x-xandar pubbliku jwettaq ir-rwol tiegħu bħala servizz pubbliku għall-komunitajiet kollha u fil-lingwi tagħhom. Jiġi promoss ix-xandir għall-minoranzi u titħaffef is-sostenibbiltà tal-mezzi tax-xandir tal-minoranzi. Jiġi żgurat li jkun hemm l-istess kundizzjonijiet kemm għall-mezzi privati tax-xandir u anke għal dawk pubbliċi.

– Jiġi żgurat li l-Aġenzija Katastali tal-Kosovo u l-uffiċċji muniċipali katastali joffru aċċess trasparenti u non-diskriminatorju għad-dokumenti kollha tal-proprjetà u jkollhom mekkaniżmi responsabbli li jkunu jiffunzjonaw.

*IL-KWISTJONIJIET REĠJONALI U L-OBBLIGI INTERNAZZJONALI*

– Ikomplu jissaħħu l-mekkaniżmi tal-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali fil-qasam ta' l-infurzar tal-liġi, li tinkludi t-trasferiment tal-persuni suspettati u tal-persuni sentenzjati u l-assistenza legali reċiproka għal ġurisdizzjonijiet.

## Il-Ħtiġijiet Ekonomiċi

– Titħejja l-bażi għall-iżvilupp tal-kapaċità għat-tmexxija tas-self u d-dejn.

– Jiġu eżaminati l-mekkaniżmi ta' garanzija possibbli li jattiraw investiment barrani, speċjalment f'kooperazzjoni ma' l-Aġenzija ta' Garanzija ta' Investiment Multilaterali.

– Titjieb is-sistema ta' tassazzjoni u tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-amministrazzjoni tat-taxxa biex jiżdied il-ġbir tat-taxxi.

– Tiġi żviluppata politika soċjali flessibbli li tippromwovi x-xogħol u l-koeżjoni soċjali u jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

– Tiġi żviluppata l-kapaċità tas-settur bankarju biex jipprovdi servizzi bankarji kompetittivi u finanzjar kompetittiv fuq medda twila ta' żmien. Tiġi żgurata superviżjoni li tkun ta' min jorbot fuqha u effettiva ta' l-istituzzjonijiet bankarji, ta' l-assikurazzjoni u tal-pensjoni.

– Isir avvanz fil-formolazzjoni ta' l-istrateġija għall-iżvilupp fuq medda medja ta' żmien u tal-pjan li huwa marbut ma' l-istrateġiji tas-settur, li jikkunsidra t-tnaqqis tal-faqar u li jkun allinjat mal-qafas ta' nefqa fuq medda medja ta' żmien u mal-programm ta' investiment pubbliku.

## L-Istandards Ewropej

*IS-SUQ INTERN*

***Iċ-ċaqliq ħieles tal-prodotti***

– Tibda t-traspożizzjoni tad-direttivi ta' l-Istrateġija l-Ġdida u Globali u l-Istrateġija Qadima.

– Titkompla t-traspożizzjoni ta' l-istandards Ewropej (ENs).

– Titwaqqaf struttura ta' sorvelljanza fuq is-suq.

***Id-Dwana u t-tassazzjoni***

– Titkompla l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tat-taxxa u tad-dwana ma' l-*acquis* ta' l-UE u tkompli tiżdied il-kapaċità amministrattiva biex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità li taqsam il-fruntieri u l-evażjoni fiskali.

***L-akkwist pubbliku***

– Jiġi żgurat li r-regoli ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi jitwettqu effettivament fil-livelli kollha minn awtorijatjiet u entitajiet kontraenti, dawn jinkludu permezz ta' l-iżvilupp ta' l-għodda ta' tħaddim, l-proviżjoni ta' taħriġ u t-tisħiħ tal-kapaċità amminitrattiva.

***Il-liġi dwar il-proprjetà intelletwali***

– Jitkompla t-tisħiħ ta' l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali, skond l-istrateġija fuq medda medja ta' żmien.

***L-istatistika***

– Jiżdiedu l-isforzi biex tkun stabbilita sistema ta' statistika li tkun ta' min jorbot fuqha.

*IL-POLITIKA SETTORJALI*

***L-industrija u SME***

– Jitkompla t-twettiq tal-Karta Ewropea għall-SMEs u ta' l-istrateġija għall-SME fuq medda medja ta' żmien.

– Jitkompla l-allinjament gradwali tal-liġi għall-kumpaniji, li tinkludi l-istandards ta' rappurtaġġ finanzjarju.

***L-agrikoltura u s-sajd***

– Jiġi żviluppat qafas ta' politika u regolatorju li jappoġġja r-riforma vijabbli ta' l-art. Jiġi appoġġjat il-ħarsien ta' l-art agrikola kontra l-iżvilupp urban li ma jkunx ippjanat.

– Tibda tittieħed azzjoni dwar l-identifikazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż u dwar ir-reġistrazzjoni taċ-ċaqliq tagħhom.

– Jiġi preparat programm biex itejjeb il-livell ta' l-istabbilimenti li jipproċessaw l-ikel.

– Tibda tittieħed azzjoni għall-kontroll effiċjenti tal-produzzjoni tal-pjanti domestiċi speċjalment għal dawk il-prodotti li għandhom obbligi speċifiċi ta' l-UE.

***L-Ambjent***

– Jiġi adottat u mwettaq il-pjan għall-azzjoni ambjentali sabiex issir approssimazzjoni lejn l-*acquis* ta' l-UE.

– Jitwettqu u jiġu appoġġjati attivitajiet biex jiżdied l-għarfien pubbliku u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fi kwistjonijiet ambjentali.

***Il-politika dwar it-trasport***

– Jitkompla jitwettaq il-Memorandum ta' Ftehim dwar l-iżvilupp ta' Sistema għat-Trasport Reġjonali għall-Qalba ta' l-Ewropa tax-Xlokk.

***L-Enerġija***

– Jiġu żviluppati l-oqsfa leġiżlattivi regolatorji li jinkuraġixxu s-sħubiji pubbliċi-privati u l-investimenti mħallta fis-settur ta' l-enerġija skond il-konklużjonijiet ta' l-istudju dwar il-ġenerazzjoni ta' l-investiment.

***Is-soċjetà informatika u l-mezzi tax-xandir***

– Titwettaq il-leġiżlazzjoni dwar is-sistemi u s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika u tissaħħaħ il-pożizzjoni tar-regolatur indipendenti.

***Il-kontroll finanzjarju***

– Taħt il-koordinazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi, jiġu żviluppati u jitwettqu l-prinċipji tar-responsabbiltà ta' ġestjoni deċentralizzata u ta' awditjar intern li jiffunzjona independentament skond l-istandards aċċettati internazzjonalment u l-aħjar prassi ta' l-UE permezz ta' leġiżlazzjoni koerenti u l-kapaċità amministrattiva adegwata.

– Tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali u funzjonali kif ukoll l-indipendenza finanzjarja ta' l-Istituzzjonijiet Supremi ta' l-Awditjar.

*IL-ĠUSTIZZJA, IL- LIBERTÀ U S-SIGURTÀ*

***Id-drogi***

– Jitfasslu u jitwettqu leġiżlazzjoni u strateġiji kontra t-traffikar tad-drogi u l-abbuż mid-drogi.

***Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu***

– Titfassal u titwettaq strateġija komprensiva għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-kriminalità finanzjarja u t-terroriżmu. Jissaħħu l-kapaċitajiet lokali biex jinvestigaw l-attivitajiet kriminali organizzati. Jissaħħu l-kapaċitajiet ġudizzjarji biex issir prosekuzzjoni u jinstemgħu l-każi ta' kriminalità organizzata u finanzjarja.

– Tiġi żviluppata l-istrateġija għal ġbir ta' armi, titlesta u tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni relatata ma' l-armi ż-żgħar.